*Kunsill Lokali Marsaskala*
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 25**

**L-Erbgħa 24 ta' Gunju 2026.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill fis-5.00 ta' filgħaxija u mxandra fuq il-website tal-Kunsill.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Celine Camilleri – Kunsillier
Francis Gilford – Kunsillier
Beverly Saliba – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Jesmond Abela - Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Eżekuttiv

**25.1** ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra t' apoloġija tal-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud, l-Kunsillier Dr Errol Cutajar u l-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela, filwaqt li avża lill membri tal-Kunsill illi l-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon ser tkun qed tipparteċipa fil-laqgħa tal-Kunsill online peress illi hemm bżonn li jkun hemm kworum, dan ukoll minħabba l-fatt illi l-eks Kunsillier is-Sur John B Camilleri ġie elett fil-Parlament għalhekk mhux ser jibqa jagħmel parti min dan il-Kunsill u fil frattemp qed tittieħed deċiżjoni fuq min ser tkun il-persuna li tieħu l-post vakanti. Il-Kunsill awgura l-ħidma t-tajba lis Sur John B Camilleri filwaqt li irringrazzjah tas-snin kollha ta' servizz li ta lil-lokalita' ta' Marsaskala.

**25.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti: Laqgħa 24 li saret Nhar it-Tnejn 18 ta' Mejju 2026:***

**25.2.1** **Korrezzjoni tal-Minuti: Laqgħa 24 li saret Nhar it-Tnjen 18 ta' Mejju 2026:**

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Is-Sindku ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**25.2.2** **Matters Arising tal-Minuti: Laqgħa 24 li saret Nhar it-Tnejn 18 ta' Mejju 2026:**

**25.2.2.1** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 2 paragrafu 22.2.2.1 rigward il-latrina ta' San Tumas fejnt saqsa jekk kelnix xi risposta jekk il-Ministeru jistgħax jipprovdilna attendant mal latrina.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi peress illi l-Ministeri nbiddlu irridu nibgħatu mil-ġdid lil Ministru il-gdid.

**25.2.2.2** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 5 paragrafu 24.3.5 rigward jekk twaħħlux l-AED's.

Is-Sindku wieġeb illi għadu qed jistenna risposta min-naħa taċ-Ċinizi però min naħa tiegħu kellimhom.

**25.2.2.3** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 5 paragrafu 24.3.7 staqsa jekk sarux it-tabelli li ġie deċiż dwarhom.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi għadhom ma sarux.

**25.2.2.4** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi l-Kunsillier is-Sur Francis Gilford ser ikun qed jgħin fid-delegazzjoni tad-Douzelage la darba jaslu Malta.

**25.2.2.5** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi l-latrina tal-pjazza taħt il-knisja tinsab kwazi lesta kull ma fadal ftit affarijiet tal-aħħar.

**25.2.2.6** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 5 artiklu 24.3.10 fej qal illi l-istatwa tinsab il-port u ser tiġi inawgurata fil-9 ta' Lulju 2026 u ġejjin xi nies miċ-Ċina għal din is-serata.

**25.3** ***Kommunikazzjoni mis-Sindku:***

**25.3.1** ***Kiosks tal-Festa u mwejjed u siġġijiet:***

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech tella bil-polza l-ismijiet tal-erba kiosks li s-soltu jkunu fuq il-promenade għaliex kien hemm xi tibdiliet wara ix-xoghlijiet li sehheh ricentament minn Infrastructure Malta. L-ismijiet telaw kif ġej:

1.Pierre Axiaq
2.Joseph Borg
3.Antnic Tanti
4.Anthony Muscat

**25.3.2** **Douzelage Education:**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dan ix-xogħol għaddej ġmielu.

**25.3.3** **Sellum San Tumas:**

Is-Sur Gilford qal fuq il-moll il-ġdid jixtieq li fil-moll isir jew taraġ jew sellum.

Kien hemm qbil li nkellmu lill MTA.

Is-Sur Gilford qal ukoll li r-residenti qed jitolbu għal sleeping policeman f'din l-area.

Il-Kunsillier Beverly staqsiet jekk l-iswimming zone tal-klieb hux ser tiġi rranġata peress illi hemm ħafna ġebel.

Il-Kunsillier is-Sur Gilford qal illi hemm taraġ fil-ġenb.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi jridu jsiru t-tabelli anke fejn kien sar l-inċident fatali fejn waqa xi ġebel fuq tfajla.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi s-Supretendent qallu li ser isiru t-tabelli.

**25.3.4** **Crash Barrier Triq iz-Zonqor (35/1985/26/I):**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din ir-residenta għanda raġun pero din il-crash barrier ma tistax taqlaħħa ħafna l-barra.

Is-Sur Gilford qal diga antipatka kif qeda biex iduru pero din ir-residenta għandha raġun.

Kien hemm qbil unanimu li nġibu permess mit-TM sabiex issir din il-crash barrier jew inkella barriers adattati.

**25.3.5** **Enemalta trenching works (35/1977/26/I):**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-kuntratturi irranġaw bejnithom u qed jaħdmu flimkien bla problemi.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li irċivejna ftit applikazzjonijiet minn kuntratturi li qedgħin jaħdmu għal Enemalta biex ikomplu jaħdmu fuq trinek minkejja li huma tourist zones imma hemm bzonn li jitkompla ix-xogħol li jinsabu f Zonqor u waħda f'Bellavista.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi qed isaħħu s-supply tad-dawl għax jekk ma jsirx dan ix-xogħol nispiċċaw bla dawl, din hija biċċa xogħol urġenti.

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet tajjeb li dejjem ninfurmaw in-nies.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi ċertu applikazzjonijiet ser jibqaw għaddejin fis-sajf pero impossibli li noqgħodu ntellaw fuq il-midja soċjali kull trinka li tkun ħa ssir. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-obbligu hu tal-kuntrattur li jgħamel tabelli skond kif mitlub minn TM filwaqt li semma wkoll li gieli kuntrattur jibda ix-xogħlijiet anke xhur wara li jkun inħariġlu il-permess.

- ***Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri daħlet għal laqgħa fil-5:37pm.***

**25.3.6 Spettaklu Nar baħar skylights 5th edition (35/1959/26/I):**

Kien hemm qbil li ngħatu l-ammont ta' €3000 bħas snin preċedenti.

**25.3.7 Approval of detailing arranġament mas-Sur Joseph Farrell:**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hawn 39 impjegat li kienu impjegati mad-DLG, id-direttur ġenerali li issa laħaq permenant secretary qal illi peress li dawn mhumiex direttament taħt il-kontroll tiegħu ppropona li jiġu jaqgħu taħt il-lokalita' li qed jaħdmu magħhom, għalhekk dan jitnizzel fil-payroll tal-Kunsill pero l-Gvern ċentrali ser ikun qed jgħati rifuzjoni ta dawn il-flus lill-istess Kunsill.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**25.3.8 PA04150/26:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi fi Triq Sant Anna hemm applikazzjoni għal permess ta' takeaway.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-osservazzjonijiet huma tnejn, waħda illi f'din it-triq partikolari ma hemmx ħanut ieħor li hu tat-takeaway u it-tieni waħda illi f'dik it-triq ma hemmx fejn tieqaf tixtri u ser joħloq impatt lit-traffiku.

Kien hemm diskussjoni illi problema ta' parkeġġ hemm f'ħafna bnadi oħra għalhekk mhux ser titnizzel fl-oġġezzjoni tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu pero illi issir oġġezzjoni mil-Kunsill.

**25.3.9 Handover agreement Marsaskala LC Fajtata:**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi dan l-agreement hu sabiex l-upkeep tal-Fajtata jaqa f'idejn il-Kunsill bħala handover minn Infrastructure Malta wara li sar ix-xogħol min-naħa tagħhom.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hu iffirma dak ta' Triq ix-Xatt fejn hemm il-kuntratturi li jieħu ħsieb għal ħsarat u bozoz maqtugħa kif ukoll il-kuntrattur tat tarmak li għandu ħames snin garanzija u tad-dawl għandu tlett snin garanzija u wara li jiskadi z-zmien il-ħsarat jiġu responsabilita' tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi l-bank huwa għoli wisq u hemm il-ħsieb li issir footrest.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi il-Kuntrattur Callus spjegalu illi l-pompa li hemm tal-irrigation ġewwa l-fajtata qed tfaqqa u mhux taħdem sew għaliex hemmhekk kellu jsir reservoir, apparti min hekk hemm problema bir-rubber matting għalhekk hu ma jħossx li għandu jiffirma l-kuntratt li l-Kunsill jieħu r-responsabilita' tal-fajtata jekk ma jittranġawx dawn in-nuqqasijiet. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi sejrin fuq il-post il-kuntrattur tagħna u l-plumber biex jiddiskutu sew x'inhuma n-nuqqasijiet.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi fuq nota oħra quddiem il-brighton kien hemm zebra crossing li meta sar l-iscarfying il-kanna tad-dawl u l-arbli neħewhom u issa reġgħu penġew zebra crossing però dik ma tistax issir bla dawl għalhekk għandha titneħħa.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford qal illi ukoll qabel hemm ħofra kbira.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu jissuġġerixxi illi l-hump li hemm titneħħa u ngħamluha tal-lakstu.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal illi jekk ser inneħħu z-zebra crossing dik tintuża ħafna u ser tinħoloq problema.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hu ser jibat lil infrastructue malta u jgħidilhom li din trid tiġi tranġġata.

**25.3.10** **<u>Prim Awla Art Triq il-Qaliet ħdejn Villa Sant Anna (35/1883/26/I):</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi sar parkeġġ min naħa tal-Gvern mingħajr ma iverifikaw ta' min hi din l-art, hu qal li hemm kellhom tabelli sabiex ma jipparkjawx il-caravans dan wara li ħarġet il-bye law, is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem mas-sid u u qallu li lill Kunsill ma ittihx tort li għamilna tabelli bix ma jiparkjawx jekk ma konnix nafu, hu qal illi ser naqalgħu t-tabelli u b'hekk qed ngħatu l-lok li jipparkjaw il-caravans u f'idejh jekk għandu problema biha, però ekk dan jipparkja xi containers in-nies li għandhom il-vilel ser jilmentaw.

Kien hemm qbil li jitneħħew it-tabelli.

**25.3.11** **<u>Proġett ta' statwi fil-lokal:</u>**

Sindku qal illi hawn kumpanija flimkien ma Infrastructure Malta li applikat għal proġett sabiex isiru statwi tal-bronz bi tradizzjonijiet tal-logħob Maltin madwar il l-lokal

Kien hemm qbil illi jekk il-proġett isir il-Kunsill jitħajjar ikollu dawn il-biċċiet tal-arti fil-lokal.

**25.3.12** **<u>Arti fil-beraħ:</u>**

Is-Sindku informa lill Kunsill illi fl-aħħar tal-ġimgħa ser issir Arti fil-beraħ.

**25.3.13** **<u>Karnival tas-Sajf:</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Karnival tas-Sajf ser isir fit-23 t'Awwissu 2026. Hu qal illi din id-darba minn ħdejn il-pixxina lil hawn għal barra, u meta jiġu bil-karrijiet jitilqgħu miz-Zonqor u jinżlu ħdejn il-pixxina.

**25.3.14** **<u>Persuna li ser tieħu r-responsabilita' tad-dawl fil-Lokalita':</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri kien ilu snin jieħu ħsieb ilmenti u tiswijiet fuq id-dawl f'Marsaskala u allura hemm bżonn li nsibu persuna li tista tieħu postu sabiex jgħamel dan ix-xogħol. Hu qal li tkellem mas-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech fejn ser jibdew jinħarġu direct orders il-persuna li tagħmel dan ix-xogħol.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi għalkemm għandna il-Kuntrattur Nexos xorta hemm bżonn li jkollna persuna oħra għal affarijiet urġenti.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet illi tajjeb naraw kif imorru l-complaints mas-Sur Joe Borg u naraw jekk jirnexxilnix naħdmu hekk, jew inkella niċċekkjaw ma Kunsilli oħra u naraw x'jgħamlu huma.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-kuntratt tar-Reġjun ilu li skada għalhekk meta jkollna bżonn is-servizz tan-Nexos jiġi però mhuwiex marbut li jgħamel ix-xogħolijiet urġenti. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi r-resoponsabilita' li noħorġu tender mhijiex tagħna iżda tar reġjun iżda t-tender għadu ma ħariġx għal xi raġuni. Għalhekk min naħa tiegħu iħoss li tajjeb ninfurmahom, illi jek ir reġjun mhux lest li joħroġ tender il-Kunsill jixtieq li joħorġu hu.

Kien hemm qbil unanimu.

**25.3.15** **<u>Proposal of wave breakers (35/1907/35/I):</u>**

Is-Sindku s-Sur Maro Calleja qal illi dan l-ndividwu għamel ilment mall-Kunsill fejn qal illi qed jissuġerrixi illi fejn hemm id-dar il-ħamra isiru wave breakers minħabba li residenti u ħwienet ta' din l-area dejjem isofru min flooding u għalhekk xtaq li dan l-ilment jgħaddi għand il-Perit Janice Borg min Infrastructure Malta wara li tittieħed deċiżjoni mill-Kunsill jekk jaqbilx ma din il-proposta.

Il-Kunsill qabel li issir din il-wavebreaker min naħa ta' Infrastructure Malta.

**25.3.16** **<u>Speed Bump MFC ground entrance (35/1869/26/I):</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi għadna korrispondenza mingħand persuna li qed jitlob speed bump fl-entrance tal-ground tal-football.

Kien hemm qbil li ninfurmawh illi din ma taqax taħt ir-responsabbilita tal-Kunsill għaliex il-post hu privat.

**25.4** **<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:</u>**

**25.4.1** ***<u>Mistoqsija 010 mressaq mill-Kunsillier – Is-Sinjorina Celine Camilleri:</u>***

''Bħala Kunsilliera responsabbli mit-tfal u żgħażagħ nixtieq insaqsi/niddiskutu rigward il-Bandli ġewwa Pjazza Mifsud Bonnici. X'inhu l-pjan rigward t-tiġdid ta' dan il-bandli. Sa jsiru xogholijiet qabel/wara s-sajf? ''

Is-segretarju Ezekuttiv qal illi hu bagħat lil Perit Elaine mill-Infrastructure Malta u saqsa meta ser jitlesta ix-xogħol għaliex ma nistgħux nibqgħu bil-hoarding kif inhu, hu qal illi t-tapit li għandna huwa iħxen min dak li hemm.

Kien hemm qbil unanimu li nitkellmu mas-Sur Mallia sabiex naraw jistgħax jgħamel it-tapit hu.

**25.4.2** ***<u>Mistoqsija 011 mressaq mill-Kunsillier – Is-Sur Patrick Camilleri:</u>***

''Meta ser jitlest l-lift ta' ħdejn il-Kunsill biex jagħti aċċess aħjar għal għassa u l-skola?''

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi infurmawh illi f'Awissu jitlesta.

**25.4.3** ***Mistoqsija 012 mressaq mill-Kunsillier – Is-Sur Patrick Camilleri:***

''Nistgħu nagħmlu xi ħaġa simili bħal ma kien ġie iddikjart fit-Times of Malta mill-Prim Ministru li l-art agrikola ħdejn Bulebel ser tiġi protetta mill-iżvilupp, biex nipproteġu l-ftit raba li baqgħalna tal-Bidni li tifridna minn Ħaż Żabbar?''

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal illi tajjeb li l-Bidni ikun protett u jitnizzel bħala ODZ għaliex bulebel ingħataw permess li jgħamluha. Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal illi meta ra l-pjanti jidher li ħafna partijiet hemm talba sabiex jinbnew u ma ngħatax pero tajjeb li nibzgħu għalih.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi bulebel hija art agrikola meta tkun ODZ mhijiex art agrikola. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi la darba nistabilixxu l-area ezatt fuq siteplan inkunu nistgħu nibgħatu lil OPM dwar dan.

**25.4.4** ***Mistoqsija mressaq mill-Kunsillier – Is-Sinjura Beverly Saliba:***

''Il-Kunsilliera s-Sinjura Beverly Saliba qalet illi hemm xi residenti li kellmuha sabiex isir xi ħaġa fuq dawn it-turisti li jkunu libsin indiċenti fit-triq.''

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi ser jiċċekkja mal-Kunsill ta' Sliema biex jara jekk sarux riċerki fil-liġi qabel ma saru it-tabelli u nimxu min hemm.

- Il-Kunsillier Gilford qal illi kien hemm battikata kbira mad-dgħajjes li kellhom jitneħħew minn fuq is-simenta faccata tal-knisja u xorta ma tneħħewx sa l-aħħar minuta, hu qal illi hemm ċertu laneċ li m'għandhomx ikunu hemm speċjalment ċertu yachts.

Għalhekk hu jisuġerixxi li ssir zebgħa fejn għandhom jitpoġġew id-dgħajjes u jkun hemm passaġġ fin-nofs, u hemm bzonn li jitneħħew ċertu dgħajjes li posthom mhuwiex hemm.

Kien hemm qbil unanimu li ngħamlu laqgħa mal-Għaqda Baħħara u sajjieda sabiex niddiskutu magħhom.

**25.5** ***Rapporti:***

**25.5.1** **Audit Report and Financial Statements year Ending 31 December 2025:**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-financial statements kif approvati mil-Awdituri u spjega li l-audit adjustments kienu minimi filwaqt li ma kellna l-ebda punti negattivi irrimarkati. Il-Management letter kienet ukoll pozittiva.

**25.5.2** **Reply to Management Letter as at 31 December 2025**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-management letter tal-awdituri u ir-risposta dwar il-pjan t'azzjoni mil-kunsill.

**25.6** ***Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:***

Ma kienx hemm items oħra

**25.7** ***Korrispondenza:***

**25.7.1** ***Handing over agreement for the Maintenance of the Marsaskala Promenade (35/1682/26/I) (35/1688/26/O) (35/1590/26/I):***

Dan il-punt ġie diskuss diġa.

**25.7.2** ***Metre tad-dawl gdid ghal Marsaskala Promenade (35/1628/26/I):***

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hemm il metre tad-dawl ġdid li ried jitnizzel bilfors fuq il-Kunsill ta Marsaskala li jagħti supply tad-dawl lil promenade il-ġdida li saret fi triq ix-Xatt però infurmajnihom li dak qatt ma tħallas mill-Kunsill qabel. Is-segretarju Ezekuttiv irrefera ghal-korrispondenza minn ufficjal tal-Enemalta fejn ikkonferma li l-metre ser jitnizzel fuq il-kunsill pero il-konsum mhux ser jitħallas mil-istess Kunsill.

**25.7.3** ***Triq il-Baħħara (35/1805/26/I):***

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi f'din it-triq diġà hemm problema għaliex meta jiġu s-servizzi ta' ambulanza jew il-vannijiet li joħorġu lill anzjani dawn jipparkjaw eżatt fid-dawra u hemm tlett parkeġġi mill-kantuniera għal din id-dawra u għalhekk qed jiġi ssuġġeriet li jitneħħew dawn it-tlett parkeġġi u minflok issir un/loading sabiex ineħħu l-periklu.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi mil-banda l-oħra tneħħew il-bollards fil-parti l-oħra tal-istess triq għaliex kellna ħafna ilmenti, qal ukoll illi hemm parkeġġ li jinsab ta periklu li għandu jinbidel f'motorcycle bay.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**25.7.4** **Art Vojta Triq il-Qrempuc ma Triq l-Iskal:**

fIl-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet illi xi residenti infurmawa li din l-area qed tintela kollha zibel u tajjeb li dik issir bħala picnic area jew soft area u jkun hemm xi ftit parkeġġi għalkemm hi area zgħira tajjeb li nutilizawha tajjeb.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Perit kien diġa ħadem fuq din l-area u tajjeb li hemmhekk isir parkeġġ pero xi ħaġa bħal din tajjeb li nsaqsu lil Infrastructure Malta għaliex din tiġi tiswa il-flus sabiex issir u fl-istess hin jigu inkorporati zoni ta soft areas fl-istess sit.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**25.7.5** ***Write off KLM001309 and KLM001480 chairs Customer care.***

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech prezenta lil Kunsill ir-write offs.

**25.8** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-skeda ta' pagamenti Nru 24:**

**25.8.1** ***Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech pprezenta invoices li daħlu tard:***

| Name | Inv No | Desc | Amount |
|---|---|---|---|
| Accountant | 26-020 | Accountant June 2026 | €1050.20 |
| Mr Antoine Schiavone | 441 | Kabus | €290 |
| Jp Baldacchino | 382936 | consumables | €1248.38 |

**25.8.23** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Beverly Saliba issekondat. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni

**25.9** ***Mozzjonijiet:***

25.9.1 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Mario Calleja (061-27/5/26):</u>**

*Jipproponi sabiex l-aħħar biċċa ta Triq Santa Tereza il-biċċa li qed one way, jitneħħew sabiex it-traffiku jibqa ħiereġ il-barra u mhux ikollu joqod idawwar. Jsiru one ways ħdejn it-tifanny's.*

Is-SIndku s-Sur Mario Calleja qal illi wara li għamel il-mozzjoni irrejalizza li min ser jipparkja mar-railing ser ikollu problema biex jiftaħ il-bieba għalhekk jixtieq din il-mozzjoni tiġi irtirata. Din il-mozzjoni għaldaqstant ġiet irtirata.

25.9.2 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri (062-10/6/26) :</u>**

Din il-mozzjoni ser titnizzel fuq il-Kunsiliera is-Sinjorina Celine Camilleri.

*Jipproponi sabiex fil Bidni naħa ta' ġewwa fejn kien hemm razzett tal-baqar issa hemm xi Mechanics u qeghdin jidħlu u joħorġu b'veloċità eċċessiva. Residenti qed jitolbu mera u sleeping police*.

Dan is-suġġett diġà ġie diskuss.

25.9.3 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri (063-10/6/26):</u>**

Din il-mozzjoni ser titnizzel fuq il-Kunsiliera is-Sinjorina Celine Camilleri.

*Jipproponi sabiex il-Kunsill idaħħal rapport il-planning authority u l-Lands għax qed jingħalaq l-aċċess għal pubbliku ħdejn Villa Sant'Anna. Dik tmur kontra il-liġi. Mill-Kosta dejjem ghandu jitħalla aċċess.*

Dan is-suġġett diġà ġie diskuss.

25.9.4 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri (064-12/6/26) issekondata mill-Kunsillier is-Sur Francis Gilford:</u>**

Din il-mozzjoni ser titnizzel fuq il-Kunsilliera is-Sinjorina Celine Camilleri.

*Tippreponi sabiex jitranġa l-bandli miksur ġewwa ż-żona rikreattiva Alfred Debono. Apparti ż-żewġ strutturi żgħar, hemm il-bandla li nqalat. Nixtieq li din l-frame jinzamm u teħel bandla bħal tar-ritratt mehmuż.*

Kien hemm qbil li nkellmu lis-Sur Joe Mallia biex jara jekk l-istruttura tiflaħx għal din il-bandla.

25.9.5 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Francis Gilfors (065-12/6/26:</u>**

*Jipproponi sabiex isisr sleeping policeman fil-Bajja San Tumas fejn sar il-progett.*

Dan is-suġġett ġie diskuss diġa.

25.9.6 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Francis Gilfors (066-12/6/26) issekondata mill-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba:</u>**

Tipproponi sabiex tkun introdotta zebra cross fl-inħawi tal-iskola San Ġwakkin ġewwa Marsaskala. Qed ikun hemm ħafna karozzi li jiġu straxxnati minn Triq il-Vjola għal Triq Patri Wistin Born.

Meta jkun ħin l-iskola jkun hemm bosta tfal qed jaqsmu u jaf isibu ruħom f'diffikulta jew jinqala' aċċident. Tajjeb jingħad li diġa hemm bumps kemm fuq n-naħa ta' Triq il-Vjola kif ukoll fi Triq Patri Wistin pero dawn ftit li xejn qed ikunu ta' deterrent.

Kien hemm qbil li niktbu lil TM sabiex jiddeċiedu huma fejn l-aħjar titpoġġa.

**25.10** Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fis-7.20pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar il-Ħamis 16 ta' Ġunju 2026 fil-5.00pm.

Ikkonfermat illum 24 ta' Ġunju 2026.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ____________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |